MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru 620/2003

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
MARK SCERRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Scerri, ta' 26, iben Joseph u Maria Rosaria nee' Thomas, imwieled Pieta', nhar l-1 ta' April 1977, residenti 'Redentur' First Dawn Court, Triq il-Qalliet, Marsascala u detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 178977(M);

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fid-9 ta' Gunju, 2003 ghal habta ta' 1.30p.m. f'San Gwann ikkommetta serq ta' flus kontanti kif ukoll diversi '*mobile phones'* li l-valur taghhom jeccedu l-valur ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn gewwa anut bl-isem 'Vision Centre' sitwat f'San Gwann, ghad-dannu ta' John Bonnici, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur;

Illi huwa akkuzat ukoll talli nhar l-4 ta' Lulju, 2003 ghal habta tat-3:00p.m. fil-Qawra ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur huwa ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn gewwa Bel Sol Hotel, li hija sitwata fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, limit tal-Qawra u dan ghad dannu ta' Lewis Valletta u/jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi, hinijiet, u lokazzjonijiet differenti kkaguna hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-valur ta' Lm50 izda anqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom;

Illi huwa akkuzat ukoll talli kkommetta delitt fil-perijodu operattiv tal-Probation Orders imposti fuqu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.13) u dak ta' l-imputat (fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat gie interrogat fuq l-involviment tieghu minn serqa f'San Gwann, ta' diversi *mobile phones*, fil-bidu ta' Gunju tat-2003. Illi l-imputat, fl-istqarrija tieghu, Dok.DS1 (a fol.14 u fol.15) ghamel ammissjoni piena u ha r-responsabilta' ghal din is-serqa indikata bil-modus operandi tieghu fl-aktar mod dettaljat. Illi, fil-fatt, jirrizulta li sid il-hanut jew persuna li l-imputat haseb illi kien sid il-hanut, rah, l-imputat infixel u halla baskett tal-*plastic* mimli *mobiles* warajh, izda ha l-*cash*, approssimament mitt lira Maltin (Lm100) li kien seraq mill-*cash register* ta' dan il-hanut. Ghal rigward tas-serqa mil-lukanda Bel Sol, l-imputat xehed illi kien qieghed ma persuna ohra li ma xtaqx isemmi li kien qallu illi kien ser jigbor xi flus dovuti lilu:

> *"Wara hames minuti imsomma dan gie lura u kellu xi flus li minnhom hadt ukoll. Jien rajt li kellu portmoni tan-nisa f'idu u dan ramieh fit-triq. Jiena ssuspettajt li kien ghamel xi haga ghax minn hu dan il-persuna ma ghandux l-ghixien tal-lum, ahseb u ara kemm jista' jkun li kellu jigbor xi flus."* (a fol.15)

Dr. Robert Abela, ezebixxa u kkonferma r-relazzjoni tieghu Dok.RA (a fol.18)

PS 1336 Jesmond Micallef (a fol.40) ezebixxa Dok.PS u halifha.

PS 1261 Charles Pace ikkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol.8) tal-process verbal, ezebit in atti, waqt li PC 902 David Debattista (a fol.49) ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

WPS 131 Nicholette Leotta kkonfermat ir-rapport ta' Joseph Bonnici ta' Vision Centre, Naxxar Road, San Gwann, ezebiet Dok.WPS, okkorrenza (a fol.52 sa fol.55)

John Bonnici (a fol.56) ikkonferma is-serqa mill-hanut tieghu (Vision Centre) u kkonferma x-xhieda illi huwa kien ta waqt l-inkjesta, il-valur ta’ l-oggetti misruqa, il-flus kontanti li nsterqu u l-hsara ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) lil hanut tieghu.

Joseph Magro kkonferma l-istess xhieda (ara xhieda a fol.60 sa fol.64)

Spettur David Saliba kkonferma r-rapport tieghu dwar is-serq mill-Vision Centre u l-istqarrija ta’ l-imputat Mark Scerri.

PS 746 Jeffrey Mc Carthy ikkonferma s-serqa minn Bel Sol Hotel minn certu Louis Valletta fejn kien insteraq l-ammont ta’ seba mija disgha u ghoxrin liri Maltin (Lm729) u ezebixxa l-okkorrenza relattiva.

Stephanie Mifsud (a fol.83), receptionist ta’ l-istess Hotel, ikkonfermat din is-serqa.

Louis Valletta, propjetarju ta’ Bel Sol Hotel, ikkonferma s-serq illi sehh fil-lukanda tieghu fid-data ndikata.

Salvu Bigeja kien xhud tas-serqa tal-Bel Sol Hotel il-ghaliex kien hareg fil-gallarija fejn ra zewg (2) persuni dehlin fil-lukanda li wara ftit hin hargu jigru barra. Dan il-persuna kien pero’ fil-hames (5) sular. Ma setghax jaghti deskrizzjoni cara.

Spettur Geoffrey Azzopardi ezebixxa Dok.GA (fol.98 sa fol.101)

Il-Qorti rat is-sentenza Dok.GA illi hija ksur ta’ Probation u rat il-verbal tad-Difiza (a fol.96) li ezenta l-Prosekuzzjoni mill-prova ta’ l-identita’.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta huwa pruvat palezament mill-istess stqarrija ta’ l-imputat illi l-imputat kien responsabbli

ghal rigward ta’ serqa minn Vision Centre, San Gwann li sehhet fid-9 ta’ Gunju 2003 u li kien komplici fis-serqa mill-Bel Sol Hotel, San Pawl il-Bahar li sehhet fl-4 ta’ Lulju 2003.

Illi kif jinghad sewwa, l-istqarrija ta’ l-imputat, ‘l hekk imsejha regina tal-provi, ma hija xejn hlief ammissjoni nkondizzjonijata ta’ l-involviment totali ta’ l-imputat fiz-zewg serqiet meritu ta’ l-akkuza.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tara ebda sens f’dak illi gie sollevat mill-imputat u cioe illi dan il-kaz si tratta ta’ *mistaken identity* il-ghaliex xi xhud qal illi l-halliel kellu xi *tattoos* fuq idejh. Il-Qorti rat illi driegh l-imputat huma mankanti minn kwalunkwe *tattoo*, izda **x-xhieda f’dan il-kaz imkien ma tikkorrabora illi xi xhud, fil-fatt, semma xi *tattoo* u anka kieku stess l-ammissjoni piena ta’ l-imputat, fis-serqiet meritu ta’ l-akkuza, huma bizzejjed ghas-sejbien tal-htija.**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Mark Scerri, hati skond l-akkuza ghajr tas-sentenza sospiza u wara li rat Artikoli 18, 261, 263, 264, 267, 279 u 280 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation fi zmien tlett (3) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti rat li l-imputat irnexxielu jespleta Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga fil-mori tal-kawza, li l-imputat qed jahdem u ma ghandux kawzi kriminali ohra li ma jmorrux lura ghal dak il-perijodu fejn hu kien ghadu mahkum minn dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------